# Iċ-Ċentinarju ta' l-1921 u l-Innu Popolari Kalaroga

## minn Claudia Aquilina

In- noti sbieħ ta' l-Innu ta' San Duminku - KALAROGA - żgur li jolqtu lil dawk kollha li huma mill-Parroċċa ta' San Duminku tal-Belt, u dawk kollha li jiġu għall-festi li jsiru f'ġieħ San Duminku.

Din is-sena dan l-Innu jagħlaq 75 sena, għaliex inkiteb fl-1921 fl-okkazzjoni tas-700 sena mill-mewt ta' San Duminku.

Iżda jkun tajjeb li wieħed ikun jaf il-ġrajjiet li fihom ġie ispirat u miktub dan l-Innu tant sabiħ mis-Surmast Ġużeppi Caruana fuq versi tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi.

Bħal ma diġa għedna fis-sena 1921 mad-dinja Kattolika kien ser jiġi ċċelebrat is-700 sena mill-mewt ta' San Duminku. Għall din l-attività hekk kbira l-patrijiet Dumnikani tal-kunvent tal-Belt xtaqu wkoll iħejju programm speċjali. Kien għalhekk li fl-10 ta' Jannar 1921 il-Pirjol ta' dak iż-żmien P. Wiġ Gatt O.P. kiteb lill-Arċikonfraternità tar-Rużarju u tal-Ħniena mwaqqfa fl-istess knisja sabiex tieħu sehem fil-festi ċentenarji. Minn ittra li s-segretarju ta' l-Arċikonfraternità kiteb fil-15 ta' Frar 1921 lill-P. Vinċenz Falzon O.P. (li dak iż-żmien kien għalliem u eżaminatur fis- Seminarju ta' Għawdex), tidher li l-fratellanza aċċettat bil-qalb din l-istedina tal-Pirjol u ftehmu li jorganizzaw akkademja Mużiko-Letterarja. F'din l-ittra P. Vincenz Falzon O.P. ġie mitlub biex jagħmel diskors bit-taljan dwar 'San Domenico e la Scienza'. B'ittra tas-17 ta' Frar 1921, P. Falzon wera li aċċetta d-diskors.

Fil-15 ta' Frar ukoll is-segretarju tal-fratellanza kiteb lis-Surmast Guzeppi Caruana sabiex jieħu ħsieb il-Mużika ta' l-Akkademja u talbu sabiex idoqq Marcia Trionfale, Innu lil San Duminku, Oremus Pro Pontefice u Invocazione alla Vergine. Is-segretarju fl-ittra talab lis-Surmast biex jagħtih stima.

Is-Surmast Caruana l-għada (16 ta' Frar 1921) kiteb lil Eduardo Asciak Mifsud P.L., li kien segretarju tal-Kummissjoni Akkademja Muziko-Letterarja, fejn għarrfu li bi pjaċir jaċċetta li jieħu ħsieb il-Mużika ta' l-Akkademja.

Fis-6 ta' Marzu 1921 Dottor Ph. Pullicino aċċetta d-diskors bl-ingliz 'St. Dominic and Preaching' li kellu jagħmel fl-akkademja u l-għada (7 ta' Marzu) Mons. Schembri, direttur ta' l-Istitut San Ġakbu, aċċetta li fl-akkademja jieħu sehem il-kor tiegħu.

Fid-9 ta' April 1921 is-Surmast Caruana kiteb ittra twila lill-Kumitat ta' l-Akkademja fejn fost l-oħrajn qal li:

1. sal-lum għadu ma jistax ifassal programm definittiv.
2. li għadu qiegħed jiġbor il-kanturi u l-mużikanti.
3. li għandu bżonn it-tfal ta' San Ġakbu (jidher li ma kienx infurmat bl-ittra tas-7 ta' Marzu).
4. li jaqsam il-kor f'4 vuċijiet
5. li kellu bżonn 50 mużikant.

Huwa jagħlaq l-ittra billi jgħid li x'aktarx l-ispiza ser tlaħħaq l-£ 40.

Sa dan it-tant il-Papa Benedittu XIV fid-29 ta' Ġunju 1921 kiteb ittra Enċiklika dwar is-seba' Ċentinarju mill-mewt ta' San Duminku sabiex iħabbar lill-poplu Nisrani li għandu jiċċelebra din it-tifkira u sabiex bħala "suċċessur ta' Pietru jagħti xhieda ta' rikonoxxenza lill-kbir fundatur u lill-glorjuz Ordni tiegħu".

Fil-25 ta' Lulju 1921 l-isqof Anġlu Portelli O.P. ħareġ ċirkulari lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Vigarji Kurati, Superjuri Reliġjużi u Retturi tal-knejjes, mill-kurja tal-Belt, fejn ordna li l-4 ta' Awissu ta' dik is-sena jkun osservat bħala festa kmandata f'Malta kollha. Fl-istess jum is-supretendent ta' l-Uffiċċju għax-xogħlijiet Pubbliċi għarraf lill-kumitat ta' l-Akkademja li kien lest li jislifhom is-siġġijiet tal-"boxes" tat-teatru rjal, imbasta jagħmlu tajjeb għall-ħsara li tista ssirilhom. Fis-26 ta' Lulju is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern is-Sur E. Bonavia ħareġ notifikazzjoni tal-Gvern (no. 204) li biha ordna li l-4 ta' Awissu 1921 ikun jum ta' btala pubblika. Dik is-sena l-4 ta' Awissu kien ser jaħbat il-Ħamis.

Kien fl-atmosfera ta' dawn il-ġrajjiet kollha li l-Kav. G. Muscat Azzopardi kiteb żewġ innijiet lil San Duminku wieħed Trijonfali u l-ieħor Poplari (Kalaroga) li t-tnejn ġew immużikati mis-Surmast Ġużeppi Caruana. L-Innijiet inkitbu bit-taljan u ġew maqluba għall-malti minn Dun Pietru Pawl Grima D.D.

F'memorandum li nkieb mill-kumitat ta' l-Akkademja nsibu li l-palk kellu jinbena taħt it-tmexxija tas-surmast basta bla ornar quddiem iżda biss imdendel minflok it-tuzell.

Fl-oratorju tar-Rużarju jkun hemm il-kanturi rġiel u fis-sagristija n-nisa u t-tfajliet li jkollhom banju u seftura għalihom. Ħadd ma seta jkellem lill-kanturi. Dawn kollha kellhom jidħlu mill-bieb tal-kunvent wara li juru biljett aħdar lill-pulizija ta' ħdejn il-bieb. L-irġiel kellhom jitilgħu fuq il-pallk mit-taraġ tal-kor u n-nisa mill-kappellun ta' San Duminku permezz tat-taraġ tal-pulptu ta' dak iż-żmien. Il-kappelluni w l-korsija kellhom ikunu riservati għall-mistednin u taħt in-navi jkun miftuħ għall-pubbliku.

Il-mistednin kellhom jidħlu mill-bieb maġġur wara li juru l-biljett abjad kbir. In-nies irġiel, bil-biljett aħmar, mill-bieb ta' San Vincenz u n-nisa, bil-biljett blu' mill-bieb ta' Triq San Duminku, għan-nisa jkun hemm is-siġġijiet. Fil-gallerija ta' l-orgni jkun hemm it-trombetti u dawn jitilgħu mit-taraġ tal-kampnar imħares mill-pulizija, infatti l-bibien kellhom ikunu mħarsa mill-pulizija. Issejħu wkoll is-*St. John's Ambulance Brigade* għalli jista' jinqala'. Għal din l-okkazzjoni l-linef tal-knisja ġew mixgħula bl-elettriku.

Ir-riċeviment għall-400 ruħ kellhu jinżamm fl-Oratorju tas-Sagrament, mibdul f'sala.

Għal din l-okkazzjoni kellhom jiġu mistiedna l-gvernatur, il-kunsill ezekuttiv u leġislattiv, il-kamra Pontifiċja, il-konsli, il-kapitli tal-Katedral u ta' San Pawl tal-Belt, il-President tal-Korpi Kostitwiti, sorijiet mhux klawstrali, is-sorijiet kollha Dumnikani, il-kumitat speċjali taċ-ċentenarju u l-kunvent tal-Belt. Kellu jkun hemm nies apposta sabiex jieħdu ħsieb il-protokol.

Iżda l-ewwel darba li nstema' l-Innu Kalaroga ma kellux ikun f'din l-akkademja iżda l-Ħadd 24 ta' Lulju 1921 fil-jum Dumnikan, li fetaħ il-festi ċentinarji.

Fl-10.30 a.m. tkanta l-innu popolari bit-Taljan Kalaroga, mbagħad sar diskors mill-Imħallef Dr. Gius. Cremona, ndaqqet l-antifona bil-mużika sar diskors ieħor minn Mons. Pawlu Gauci u reġa' tkanta l-innu Kalaroga. għal din l-okkazzjoni, li rat il-knisja fgata bin-nies, il-vara ta' San Duminku ntramat fuq il-presbiterju imdawwra b'għadd kbir ta' fjuri naturali.

Imbagħad wasal il-jum mistenni tas-27 ta' Lulju meta ġiet imtella' l-akkademja Muziko-Letterarja organizzata mill-Arċikonfraternità tar-Rużarju. Fil-5.00 p.m. daħal l-Isqof Dumnikan Anġlu Portelli u ftit wara l-Luogotenent Gvernatur Robertson (peress il-gvernatur kien imsiefer).

*Wara talba mill-Isqof Portelli nfetħet l-akkedemja b'dan il-programm:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Orkestra | Marcia Trionfale | L. Mancinelli |
| 2. | Indirizz bit-taljan mill-Isqof Portelli. | | |
| 3. | Kant | Inno Trionfali a San Domenico<br>(fuq kliem tal-Kav. G. Muscat Azzopardi) | G. Caruana |
| 4. | Diskors bil-Latin minn Mons. L. Farrugia D.D.<br>'San Duminku u r-Rużarju' | | |
| 5. | Poezija bit-Taljan miktuba mir-Rev. Prof. Pawlu Vella D.D., M.A.<br>'San Duminku u l-Knisja'. | | |
| 6. | Kant | Invocazione alla Vergine dal "Dies Irae" | L. Perosi |
| 7. | Diskors bit-taljan mill-Avukat Franġisk Buhagiar<br>'San Duminku u Malta'. | | |
| 8. | Orkestra | Meditation | Julian Clifford |
| 9. | Diskors bl-Ingliz mill-Avukat Filippu Pullicino<br>'San Duminku u l-Predikazzjoni' | | |
| 10. | Kant<br>(mir-Resurezzjoni sa l-Axxensjoni) | La Redenzione | C. Gounoud |
| 11. | Poezija bit-taljan miktuba mill-Onor. Kav. G. Muscat Azzopardi P.L.<br>"Il-Laqgħa ta' San Duminku ma' San Franġisk" | | |
| 12. | Kant | Oremus Pro Pontifice | G. Caruana |
| 13. | Diskors bit-taljan mir-Rev. P. Majj. Vincenz Falzon O.P.<br>"San Duminku u l-Għerf" | | |
| 14. | Kant | Innu Popolari lil San Duminku<br>(Kliem tal-Kav. G. Muscat Azzopardi). | G. Caruana |

L-Akkademja li saret fi knisja mimlija nies intemmet fit-8.15 p.m. L-ispejjez totali ta' l-akkademija laħqu s-somma ta' £ 130, xelin u sitt soldi u ġew stampati 220 kopja ta' l-Innu Kalaroga.

Il-festi ċentinarji komplew fid-29 ta' Lulju meta fil-5.30 p.m. il-Kapitlu ta' San Pawl flimkien mal-patrijiet Dumnikani ħadu sehem fit-Translazzjoni Solenni li mexxa l-Isqof Portelli. Is-Sibt 30 ta' Lulju il-Provinċjal P. Majjistru Egidju Nastasi qaddes u għamel diskors lit-terzjarji rġiel, wara l-quddiesa għamel il-Vestizzjoni ta' 14 il-terzjarju ġdid. Fit-8.30 a.m. imbagħad saret quddiesa solenni mill-Kapitlu ta' San Pawl. Fil-5.30 p.m., il-patrijiet Franġiskani Konventwali għamlu għasar Solenni bil-Paniġierku bil-malti minn P. Dovic Debono O.F.M. Conv.

Il-Ħadd 31 ta' Lulju fis-6.30 a.m. qaddes Mons. Prof. Ġwann Gauci u qarben lis-sorijiet tal-Karita', ta' San Ġużepp, tas-Sagramentini, Franġiskani, Orsolini, Dumnikani u lit-terzarji nisa. Fid-9.00 a.m. saret quddiesa solenni mill-Patrijiet konventwali. Fil-5.30 p.m. sar għasar Solenni u kompieta mill-patrijiet Kapuċċini u għamel paniġierku bil-malti ir-Rev. P. Lettur Salvu minn Għawdex O.F.M. Cap.

It-Tnejn 1 ta' Awissu fis-6.00 a.m. saret sfilata mit-tfal tad-duttrina ta' San Ġakbu, tal-Vitorja, San Pawl, San Rokku u San Duminku, b'kollox kien hemm 550 tifel u tifla. Saret quddiesa għalihom minn Mons. Ġwann Sarrea. Fit-8.30 a.m. saret quddiesa kantata mill-Patrijiet Kappuċċini. Fil-5.30 p.m. sar l-Għasar u l-kompieta mill-Patrijiet Agostinjani bil-paniġierku minn P. Lettur u Pirjol Evodju Bonnici, agostinjan.

It-Tlieta 2 ta' Awissu qaddes fis-6.30 a.m. Mons. Luigi Attard u fit-8.30 a.m. saret quddiesa kantat mill-patrijiet Agostinjani. Fil-5.30 p.m., il-Patrijiet Franġiskani Minuri (ta' Ġiezu) kantaw l-Għasar u l-kompieta. Il-Paniġierku sar min P. Lettur u Kappillan Wiġi Attard O.F.M.

L-Erbgħa 3 ta' Awissu fis-7.30 a.m. il-Patrijiet ta' Ġiezu qaddsu solenni u kantaw il-Martirloġju. Fil-5.30 p.m. l-Isqof Portelli flimkien mal-Kapitlu ta' San Pawl għamlu l-għasar Solenni u l-Kant tal-Kompieta. Il-Provinċjal P. Eġidju Nastasi O.P. ta l-Barka.

Jum il-Festa l-Ħamis 4 ta' Awissu kienet festa kmandata u jum ta' mistrieħ għall-Malta kollha. Fil-5.00 a.m. sar Matutin Solenni u fid-9.00 a.m. sar il-Pontifikal mill-Isqof Portelli, assistit mill-Kapitlu ta' San Pawl, l-Isqof ippriedka bit-taljan wara l-Evanġelju. Fl-offertorju il-Kumitat Speċjali f'isem Malta kollha offra kalċi antik tad- deheb lil San Duminku, li rċievih il-pirjol P. Wiġ Gatt O.P., fit-tmiem tal-Pontifikal l- Isqof Portelli ta' l-Barka Papali.

Fit-3.30 p.m. sar Paniġierku bil-malti mill-provinċjal tal-Karmelitani P. Spiru Vassallo. Il-kapitlu ta' San Pawl għamel l-għasar solenni u fil-5.30 p.m. bdiet ħierġa l-Proċessjoni Solenni b'dan l-ordni:

1. Il-"boy Scouts" tal-Belt, Floriana, Ħamrun, Isla, Bormla Birgu u Sliema bil-banda tagħhom.
2. L-Istituti tad-Duttrina tal-Belt.
3. Il-fratellanzi kollha tal-Belt (minbarra dik ta' San Ġużepp li m'aċċettawx l-istedina).

4. L-Ordnijiet kollha Reliġjużi (minbara l-patrijiet tal-Karmnu li m'aċċettawx l-istedina la biex jieħdu sehem fil-festi u lanqas fil-proċessjoni).
5. Il-Kappillani ta' Malta.
6. Il-Kapitlu ta' San Pawl.
7. L-Isqof bir-Relikwija ta' San Duminku.
8. Il-vara ta' San Duminku.

Fid-dħul tal-Proċessjoni tkanta "Te Deum" u ngħatat il-barka Sagramentali.

Fil-ġranet tal-festa qaddsu diversi Monsinjuri, Kanonċi, Kappillani, Qassisin mill-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex u patrijiet mill-ordnijiet u Kongregazzjonijiet Reliġjuzi kollha. Il-Knisja kienet dejjem mimlija bin- nies u tqarbnu mas-6000 ruħ. Il-Knisja kienet armata b'mod speċjali, bejn kull żewġ pilastri, fil-għoli twaħħal anġlu kbir, ma' kull pilastru kien hemm l-arma ta' l-Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan, fuq l-arkati kienu jinqraw il-mirakli prinċipali ta' San Duminku miktuba bil-Latin mill-Profs. Xiberras, il-pavaljuni ġew mżejna bil-lama u fjuri artifiċjali u kuruni ta' fjuri artifiċjali sofor u bojod mal-pilastri kollha. Fuq iċ-ċinta kien hemm gastri kbar bil-fjuri naturali. Il-knisja kienet mixgħula bl-elettriku.

It-toroq izejjnu bi kbir fuq disinn ta' Karmenu Muscat ħaddiem fil-public works, f'kull triq kont issib kwantita' kbira ta' ħaxix, fjuri u bozoz ta' l-elettriku, b'ħafna skrizzjonijiet bil-latin u armi li ħaseb għalihom Patri Albert Brincat O.P.

Fi Triq ir-Repubblika kien hemm skrizzjonijiet dwar il-ħajja ta' San Duminku u l-Misraħ ta' quddiem il-Palazz kien fih l-armi tal-Kardinali Dumnikani bil-ħidma li tawhom il-papiet. F'misraħ ir-Reġina kien hemm l-armi tal-Papiet li għandhom konnessjoni mar-Rużarju. Fit-Triq Merkanti minn triq it-Tramuntana sa Triq l-Arċisqof kien hemm l-armi tal-Provinċji kollha Dumnikani u minn Triq l-Arċisqof sa Triq Nofs in-Nhar l-arem ta' l-għorrief Dumnikani f'kull qasam ta' għerf.

Triq Nofs in-Nhar issebbħet bl-armi ta' Dumnikani Maltin li mietu fil-fama ta' qdusija, Triq Melita u Triq San Ġwann bl-armi ta' Dumnikani benefatturi ta' Malta, Triq l-Arċisqof bl-armi ta' l-Isqfijiet Maltin, Triq San Kristofru bl-armi ta' Dumnikani Maltin msemmija għall-għerf u l-kitba tagħhom, Triq San Duminku ntramat bl-arem tal-Papiet kollha li kitbu dwar San Duminku filwaqt li Triq San Nikola ntramat bl-arem ta' l-aqwa predikaturi Dumnikani Maltin.

Fil-jiem tal-festa t-toroq inxtegħlu bl-elettriku.

Is-Sibt 30 ta' Lulju fil-5.30 p.m. saret tiġrija speċjali taż-żwiemel fil-Marsa fejn il-premjijiet ma kienux paljijiet iżda tazzi kbar tal-fidda. Il-Ħadd 31, fil-5.00 p.m. saret ġostra fil-port ta' Marsamxett u fit-8.00 p.m. il-Banda Ċittadina "King's Own" għamlet marċ fi Triq ir-Repubblika fejn izzanżnu għadd kbir ta' fanali tal-karti kuluriti. L-Erbgħa 3, ta' Awissu l-Banda "King's Own" għamlet marċ fir-8.00 a.m. bl-istandardi kollha tagħha. Għall-okkazjoni ħafna ammiraturi ta' din il-banda pprezentaw stendard ġdid li tbierek mill-pirjol P. Wiġ Gatt O.P. Waqt dan il-marċ tqassam il-ħobż għall-foqra kollha tal-Belt. Minbarra l-"King's Own" ħadu sehem dawn il-baned:

Prince of Wales tal-Birgu
San Giorgio ta' Bormla
Queen's Own ta' l-Isla
Duke of Connaught ta' B'Kara
Stella Maris tas-Sliema
San Gaetano tal-Ħamrun
San Michele ta' Ħaż-Żabbar u
San Giorgio ta' Ħal Qormi.

Il-Konkorrenza tal-Poplu Malti għal dawn il-festi kienet waħda kbira ħafna.

Fost ir-rigali li qala' San Duminku nsibu l-kalċi antik tad-deheb, bukett kbir ta' fjuri artifiċjali ġo tazza tal-fidda mill-Każin La Valletta, buqar u baċir tal-fidda mill-King's Own, bukkett kbir ta' fjuri naturali mill-Prince of Wales tal-Birgu u bukkett kbir ta' fjuri artifiċjali mill-Maltese Members Airmen ta' Kalafrana. Għal din l-okkazzjoni nkitbu tlett kotba:

1. I Domenicani in Malta (Empire Press) ta' P. Danjel M. Callus O.P.
2. Il-Ħajja ta' San Duminku (Empire Press) ta' P. Gejt G. Scerri O.P.
3. Mazz ta' fjuri lil San Duminku fis-Seba' Ċentenarju tal-Mewt tiegħu 1221 - 1921 (Lombardi) ta' P. Ugo Callus O.P.

Bħala tifkira ta' dawn il-festi, fit-23 ta' Novembru ta' l-istess sena, tqegħdu żewġ statwi ta' rħam fuq iz-zuntier tal-knisja waħda ta' San Duminku u l-oħra ta' San Tumas ta' Akwino.

F'Settembru ta' dik is-sena kien sar ukoll Pellegrinaġġ Dumnikan għal fuq il-qabar ta' San Duminku li telaq minn Malta fit-8 ta' Settembru u rritorna fis-27 ta' l-istess xahar. Il-111 il-pellegrin mmexxija mill-Isqof Portelli kellhom udjenza mal-Papa Beneditt XIV u ħadu sehem fil-kungress Dumnikan li sar f'Bolonja.

Kien f'dan il-kuntest li twieled l-Innu sabiħ "Kalaroga" ħamsa u sebgħin sena ilu, u li minn dak in-nhar 'l hawn qatt ma nqatà milli jinstema u jitkanta bil-qalb.

J'Alla ix-XANDÂR tal-Mulej ikun għalina tassew il-mexxej li jwassalna fil-pajjiż tagħna "is-sema".

*Sorsi ta' dan l-artiklu: Arkivju Dumnikani Valletta u r-Ruzarju Mqaddes ta' Ott / Nov / Diċ. 1921.*